VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,475, 18 ta' Settembru, 2015
Taqsima B

A.L. 298 tal-2015

ATT DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU
(KAP. 371)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Istituzzjonijiet ta' Kreditu (Organizzazzjoni mill-Ġdid u Stralċ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3(1) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, il-Ministru għall-Finanzi, fuq il-parir tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu. L.S. 371.12

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Istituzzjonijiet ta' Kreditu (Organizzazzjoni mill-Ġdid u Stralċ), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Istituzzjonijiet ta' Kreditu (Organizzazzjoni mill-Ġdid u Stralċ), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subregolament (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-istituzzjonijiet ta' kreditu Maltin u għall-fergħat tagħhom li jinsabu fi Stati Membri oħra jew Stati ŻEE u t-Taqsima IV ta' dawn ir-regolamenti tapplika għall-friegħi preżenti f'Malta ta' istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fi Stat Membru ieħor. Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal dawk il-friegħi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu jinsabu fi Stat Membru jew fi Stat ŻEE fejn jkollhom l-uffiċċji ewlenin tagħhom.";

(b) is-subregolamenti (2), (3) and (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (3), (4) u (5) rispettivament;

(ċ) minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Fil-każ tal-applikazzjoni tal-għodda ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tal-poteri ta' riżoluzzjoni li hemm provdut dwarhom fl-Att u f'kull regolamenti

VERŻJONI ELETTRONIKA

rilevanti magħmula taħtu li jittrasponu l-BRRD, dawn ir-regolamenti għandhom ukoll japplikaw għall-istituzzjonijiet finanzjarji, ditti u l-intrapriżi prinċipali li jaqgħu fi ħdan l-iskop tal-BRRD fil-każ tal-applikazzjoni tal-għodda ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tal-poteri ta' riżoluzzjoni li hemm provdut dwarhom fid-Direttiva msemmija."; u

(d) minnufih wara s-subregolament (5), kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(6) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw biss għall-miżuri ta' riorganizzazzjoni jew għall-proċeduri ta' stralċ adottati minnufih wara d-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "l-Att" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja :

" "awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji" tfisser dawk l-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji f'Malta li huma kompetenti għall-iskopijiet tal-miżuri ta' riorganizzazzjoni jew ta' proċeduri ta' stralċ;";

(b) minflok it-tifsira "awtorità kompetenti" għandu jidħol dan li ġej:

" "awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, jew, kif jista' jkun il-każ, il-Kumitat ta' Riżoluzzjoni mwaqqaf bl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta fir-rigward ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni meħuda konformement mal-BRRD u mal-Att imsemmi;";

Kap. 330.

(ċ) minnufih wara t-tifsira "awtorità kompetenti" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "il-BRRD" tfisser id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 Mejju 2014 li twaqqaf qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi

VERŻJONI ELETTRONIKA

2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE , u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru. 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendat minn żmien għal żmien, u tinkludi l-miżuri implimentattivi li jimplimentaw *standards* tekniċi, standards tekniċi regolatorji, linji gwida u miżuri simili li kienu ġew jew jistgħu jinħarġu taħtha;";

(d) minnufih wara t-tifsira "il-BRRD" għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "il-CRD" tfisser id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tirrevoka d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżuri implimentattivi li kienu, jew jistgħu jiġu maħruġa taħtha;

"il-CRR" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 Ġunju 2013 fuq ħtiġiet prudenti għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/ 2012, kif emendat minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżuri implimentattivi li kienu, jew jistgħu jiġu maħruġa taħtha.";

(e) minflok it-tifsira "fergħa" għandu jidħol dan li ġej:

" "fergħa" tfisser post tan-negozju li jifforma parti legalment dipendenti minn istituzzjoni ta' kreditu u li jwettaq b'mod dirett l-operazzjonijiet kollha jew uħud minnhom inerenti fin-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, kif definit fil-punt (17) tal-Artikolu 4(1) tal-CRR;";

(f) minnufih wara t-tifsira "fergħa" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja :

" "intrapriża prinċipali" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fil-punt (15) tal-Artikolu 4(1) tal-CRR;";

(g) minnufih wara t-tifsira "intrapriża prinċipali" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

VERŻJONI ELETTRONIKA

" "istituzzjoni finanzjarja" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tal-CRR;";

(h) minflok it-tifsira "istituzzjoni ta' kreditu" għandu jidħol dan li ġej:

" "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser impriża li n-negozju tagħha jkun jikkonsisti f'li tirċievi depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura mill-pubbliku u li tagħti krediti akkont tagħha nnifisha, kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tal-CRR;";

(i) minflok it-tifsira "miżuri ta' organizzazzjoni mill-ġdid" għandu jidħol dan li ġej:

" "miżuri ta' organizzazzjoni mill-ġdid" tfisser miżuri li huma maħsuba biex jippreservaw jew jirriġeneraw is-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu u li tista' tolqot id-drittijiet li terzi persuni kellhom qabel, inklużi miżuri li jinvolvu l-possibbiltà ta' sospensjoni ta' pagamenti, sospensjoni ta' miżuri ta' infurzar jew tnaqqis ta' pretensjonijiet; dawk il-miżuri jinkludu l-applikazzjoni tal-għodda ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tal-poteri ta' riżoluzzjoni li hemm provdut dwarhom fil-BRRD;";

(j) minflok it-tifsira "proċeduri ta' stralċ" għandu jidħol dan li ġej:

" "proċeduri ta' stralċ" tfisser proċeduri kollettivi li jinbdew u jiġu sorveljati mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji ta' Malta bil-għan li jinbiegħu l-assi taħt is-superviżjoni ta' dawk l-awtoritajiet, inkluż fejn il-proċeduri jintemmu b'komposizzjoni jew b'xi miżura oħra simili;";

(k) it-tifsira "Stat domestiku" għandha titħassar u minnufih wara t-tifsira "Stat Membru" għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "Stat Membru tal-oriġini" għandha tfisser l-Istat Membru jew Stat ŻEE li fih l-istituzzjoni ta' kreditu tkun ingħatat liċenza, kif definit fil-punt (43) tal-Artikolu 4(1) tal-CRR;";

(l) minflok it-tifsira "Stat Membru" għandu jidħol dan

VERŻJONI ELETTRONIKA

li ġej:

" "Stat Membru" tfisser membru tal-Unjoni Ewropea;";

(m) minflok it-tifsira "Stat ospitanti" għandu jidħol dan li ġej:

" "Stat Membru li jospita" għandha tfisser l-Istat Membru jew Stat ŻEE li ma jkunx l-Istat Membru tal-oriġini fejn istituzzjoni ta' kreditu jkollha fergħa jew fejn tkun tipprovdi servizzi, kif definit fil-punt (44) tal-Artikolu 4(1) tal-CRR;";

(n) minflok it-tifsira "strumenti" għandu jidħol dan li ġej:

" "strumenti" tfisser tfisser kull strument, kuntratt jew dritt li jidħlu fil-kuntest tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar Servizzi ta' Investiment sew jekk maħruġa f'Malta sew jekk le;"; u

Kap. 370.

(o) minflok it-tifsira "suq regolat" għandu jidħol dan li ġej:

" "suq regolat" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-artikolu 2(1) tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji;".

Kap. 345.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (3) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "inkluży l-effetti prattiċi possibbli li jista' jkollhom dawk il-miżuri.", għandhom jidħlu l-kliem "inkluży l-effetti prattiċi possibbli li dik il-miżura jista' jkollha, qabel ma tiġi adottata jew xort'oħra minnufih wara li tiġi adottata:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda dan is-subregolament m'għandux japplika meta jkun japplika r-regolament 83 tar-Regolamenti tal-2015 dwar Irkupru u Riżoluzzjoni, u għaldaqstant l-awtorità barranija għandha tkun mgħarrfa mill-Kumitat ta' Riżoluzzjoni skont dawk ir-regolamenti.".

A.L. xxxx tal-2015.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fis-subregolament (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "mill-miżuri ta' organizzazzjoni mill-ġdid fuq fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Ewropea li tkun f'Malta,", għandhom jidħlu l-kliem "mill-miżuri ta' organizzazzjoni mill-ġdid

VERŻJONI ELETTRONIKA

fuq fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija li tkun tinsab fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ŻEE,".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fis-subregolament (1) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "kif ukoll id-dettalji li jirrigwardaw it-tagħrif meħtieġ fis-subregolament (2).", għandhom jidħlu l-kliem "kif ukoll id-dettalji li jirrigwardaw it-tagħrif meħtieġ f'dan ir-regolament:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

A.L. xxxx tal-2015.

"Iżda dan is-subregolament m'għandux japplika meta jkun japplika r-regolament 83 tar-Regolamenti tal-2015 dwar Irkupru u Riżoluzzjoni.".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

7. Fis-subregolament (3) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2000/12/KE u ppubblikata ta' kull sena fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej", għandhom jidħlu l-kliem "fl-Artikolu 20 tal-CRD u ppubblikata ta' kull sena fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.".

Jemenda r-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali.

8. Fis-subregolament (3) tar-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2000/12/KE u ppubblikata ta' kull sena fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej", għandhom jidħlu l-kliem "fl-Artikolu 20 tal-CRD u ppubblikata ta' kull sena fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.".

Jissostitwixxi r-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali.

9. Minflok ir-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ftehim ta' *netting*. Kap. 459.

A.L. xxxx tal-2015.

27. Skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar it-Tpaċija u *Netting* f'Każ ta' Insolvenza, u mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 68 u 71 tar-Regolamenti tal-2015 dwar Irkupru u Riżoluzzjoni, kull ftehim dwar *netting* għandhu jkun regolat biss bil-liġi tal-kuntratti li tirregola kull ftehim bħal dak.".

Jissostitwixxi r-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali.

10. Minflok ir-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ftehim ta'xiri mill-ġdid. A.L. xxxx tal-2015.

28. Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 68 u 71 tar-Regolamenti tal-2015 dwar Irkupru u Riżoluzzjoni, u tar-regolament 26 ta' dawn ir-regolamenti, kull ftehim ta' xiri mill-ġdid għandu jkun regolat biss bil-liġi tal-kuntratti li tirregola kull ftehim bħal dak.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jemenda r-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali.

11. Fir-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "skond ir-regoli u l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2000/12/KE, bl-eċċezzjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji li fil-każ tagħhom japplikaw id-disposizzjonijiet nazzjonali eżistenti.", għandhom jidħlu l-kliem "skont ir-regoli u l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u r-Regolamenti dwar *Banking Act (Supervisory Review)*, bl-eċċezzjoni ta' dawk l-awtoritajiet ġudizzjarji li japplikaw għalihom id-disposizzjonijiet nazzjonali eżistenti:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

A.L. xxxx tal-2015.

"Iżda dan ir-regolament m'għandux japplika meta jkun japplika r-regolament 84 tar-Regolamenti tal-2015 dwar Irkupru u Riżoluzzjoni, u għaldaqstant għandhom ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità ta' dawk ir-regolamenti.".

Jissostitwixxi r-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali.

12. Minflok ir-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Istituzzjoni ta' kreditu Maltija jew ta' xi fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija li tkun tinsab f'xi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE.

37. (1) Mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, il-Qorti ma tistax, fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija jew ta' xi fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija li tkun tinsab f'xi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE -

Kap. 386.

(a) toħroġ ordni ta' stralċ taħt l-artikolu 224 tal-Att dwar il-Kumpanniji; jew

Kap. 386.

(b) tadotta miżuri ta' organizzazzjoni mill-ġdid jew twettaq xi att anċillari għall-adozzjoni ta' miżuri bħal dawk kif hemm fit-Taqsima VI tal-Att dwar il-Kumpanniji.

(2) Is-subregolament (1)(a) ma jipprekludix -

(a) lill-Qorti milli toħroġ ordni ta' stralċ wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti dwar istituzzjoni ta' kreditu Maltija jew xi fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija li tkun tinsab f'xi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE jekk -

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) ikun inħatar amministratur provviżorju dwar istituzzjoni ta' kreditu Maltija jew fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija li tkun tinsab f'xi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE qabel d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, u

(ii) il-ħatra tibqa' fis-seħħ sa eżatt qabel ma tinħareġ dik l-ordni ta' stralċ;

(b) l-istralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija jew fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija li tkun tinsab f'xi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti skont l-ordni ta' stralċ li tkun inħarġet, u din ma tkunx twettqet, qabel dik id-data.

(3) Is-subregolament (1)(b) ma jipprekludix amministratur provviżorju ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija jew ta' fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu Maltija li tkun tinsab f'xi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE u maħtura qabel d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti milli taġixxi fir-rigward ta' dik l-istituzzjoni wara dik id-data.

(4) M'hemm xejn f'dawn ir-regolamenti li jista' jolqot xi proċeduri mibdijin f'xi Qorti u li jirrigwardaw l-organizzazzjoni mill-ġdid jew l-istralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu meta dawk il-proċeduri jkunu nbdew qabel l-1 ta' Mejju, 2004.".

Iħassar it-Taqsima VI - Dispożizzjonijiet Transitorji u r-regolament 39 tar-regolamenti prinċipali.

13. It-Taqsima VI - Dispożizzjonijiet Transitorji, inkluż ir-regolament 39, għandhom jiġu mħassra.